# L-immaniġġjar tad-dubbiena tal-frott ta' Queensland
# Tagħrif bil-Malti

*Id-dubbiena tal-frott ta' Queensland tinstab f'Victoria u tattakka ħafna frott u ħxejjex tal-borma. Dan il-fuljett ta' tagħrif ser jgħinek tagħraf id-dubbiena tal-frott ta' Queensland fil-ġnien tiegħek u tipproteġi l-frott u l-ħaxix tal-borma li tkabbar mill-ħsara.*

## KIF TKUN TISTA' TAGĦRAF ID-DUBBIENA TAL-FROTT TA' QUEENSLAND?

Id-dubbiena tal-frott ta' Queensland tgħaddi minn erba' stadji tal-ħajja. Id-dubbiena tista' tinbidel minn bajda għall-adulta fi żmien 30 jum fil-kundizzjonijiet xierqa tat-temp (eż. 26 ºC).



**1. Bajda:** Id-dubbiena tal-frott ta' Queensland tbid bajd abjad, forma ta' banana ġewwa l-frott u l-ħaxix tal-borma ospitanti.

Dubbiena mara tista' tbid sa 100 bajda kuljum. Il-bajd huma twal 1 mm u diffiċli tarahom.



**2. Id-dudu:** Dudu żgħir kulur il-krema jfaqqas minn kull bajda. Id-dud jieklu l-frott u dan iħassru minn ġewwa. Id-dud jikber sa tul ta' 9 mm. Hekk kif jilħaq il-kobor tiegħu, id-dudu joħroġ mill-frotta u jħaffer toqba fil-ħamrija.



**3. Pupa:** Ladarba jkun fil-ħamrija, id-dudu jinbidel f'pupa iebsa, kannella u ovali. Id-dubbiena adulta tal-frott ta' Queensland tiżviluppa fil-fosdqa tal-pupa.



**4. Adulta**: Id-dubbiena tal-frott ta' Queensland hija twila madwar 7 mm u ta' kulur ħamrani-kannella, b'marki distinti sofor fuq ġisimha.

Id-dubbiena tal-frott ta' Queensland tinstab fil-ġonna matul ir-rebbiegħa, is-sajf u l-Ħarifa.

## OSPITI POPULARI U LOKALI TAD-DUBBIENA TAL-FROTT TA' QUEENSLAND

Id-dubbiena tal-frott ta' Queensland tbid bajd fi frott u ħaxix tal-borma differenti - dawn jissejħu 'ospiti'. Xi eżempji li jitkabbru u li huma komuni jidhru hawn taħt.



Lista sħiħa ta' ospiti tinsab fuq [www.agriculture.vic.gov.au/qff](http://www.agriculture.vic.gov.au/qff)

## L-IMMANIĠĠJAR TAD-DUBBIENA TAL-FROTT TA' QUEENSLAND FIL-ĠONNA

### 1. L-ewwel iċċekkja għad-dubbiena tal-frott ta' Queensland

**Nases :** Ara jekk id-dubbiena tal-frott ta' Queensland hijiex fil-ġnien tiegħek billi ddendel nases tad-dubbiena tal-frott ta' Queensland. Dendel in-nases madwar 1.5 metri fil-għoli f'siġra fid-dell u li dejjem tħaddar. Ibda għamel dan fil-bidu tar-rebbiegħa u kompli sax-xitwa.

Hemm nases differenti li jattiraw u jaqbdu d-dubbiena tal-frott ta' Queensland. Dawn in-nases jistgħu jattiraw u jaqbdu wkoll insetti oħra li huma ta' ġid għall-ġnien tiegħek, għalhekk iċċekkja jekk qbadtx id-dubbiena tal-frott ta' Queensland qabel ma tuża kwalunkwe inseticida fuq is-siġar jew il-pjanti tiegħek.

### 2. Metodi tal-kontroll

Jekk issib id-dubbiena tal-frott ta' QueenslandIf fil-ġnien tiegħek, ser tikseb l-aħjar riżultat jekk tuża numru ta' metodi tal-kontroll. Ibda uża l-metodi tal-kontroll minn tal-anqas 6 sa 8 ġimgħat qabel mal-frott ikun misjur u lest biex jinqata' għax id-dubbiena tal-frott ta' Queensland tista' tbid il-bajd fi frott iebes aħdar.

**L-esklużjoni hi l-aħjar:** Uża xbiek tal-insetti, boroz jew kmiem biex tgħatti l-frott wara li jkun iddakkar biex iżżomm id-dubbiena tal-frott ta' Queensland milli jbid il-bajd fil-frott u l-ħaxix tal-borma. Tħallix ix-xbieki jmissu l-frott.


Xbieki tal-insetti

**Lixkiet, nases u insettiċidi:** In-nases u l-lixkiet tad-dubbiena tal-frott ta' Queensland jattiraw u jaqbdu dubbien tal-frott fil-ġnien tiegħek qabel ma jattakkaw il-frott. Fittex nases li joqtlu kemm id-dubbiena mara u dik raġel. X'aktarx in-nases biss ma jkunux biżżejjed biex jikkontrollaw id-dubbiena tal-frott.

Hemm ukoll insettiċidi li joqtlu d-dubbiena tal-frott ta' Queensland. L-insettiċidi jistgħu jkunu ta' ħsara jekk ma jintużawx kif suppost - aqra u segwi d-direzzjonijiet ta' fuq it-tikketta.

Dawn il-prodotti kollha jistgħu jinxtraw minn mixliet, ħwienet tal-prodotti tal-ġonna u bejjiegħa bl-imnut onlajn.

### 3. Iċċekkja l-frott u l-ħaxix tiegħek tal-borma

Żomm għajnejk miftuħa għall-marki tat-tniggiż fuq il-qoxra u għad-dud fil-frott u l-ħaxix tal-borma.


Marki ta' tniggiż

### 4. Kura essenzjali tal-ġnien (iġjene tajba)

Aqta' u uża l-frott hekk kif ikun misjur. Neħħi l-frott u l-ħaxix tal-borma kollu li tħassar, waqa' fl-art u wkoll frott li ma tridx tiekol. Dan ser iżomm id-dubbiena tal-frott ta' Queensland milli tfaqqas fil-ġnien tiegħek..

Iżbor is-siġar tal-frott tiegħek biex tkun tista' tilħaqhom biex taqta' l-frott u agħmel xibka jew sprej kontra l-insetti.

Qabel tarmi l-frott, trid toqtol kwalunkwe dud li jkun fih billi tiffriżah, tpoġġih fil-microwave, tgħallih jew ixxemmxu (tissiġilla l-frott f'borża tal-plastik u tħallih fix-xemx għal tal-anqas 14-il ġurnata). Wara li tagħmel dan, tista' tarmi l-frott fil-borża fil-landa taż-żibel tiegħek.

**Tużax bħala kompost** frott u ħaxix tal-borma infestat jew li tħassar mid-dubbiena tal-frott ta' Queensland.

Jekk ma tistax tieħu ħsieb is-siġar tiegħek tal-frott u tal-ħaxix tal-borma, neħħihom u minflokhom kabbar pjanti ornamentali li mhumiex ospitanti (eż wattles jew grevilleas nattivi).

## IXXERIDX ID-DUBBIENA TAL-FROTT TA' QUEENSLAND

L-aħjar mod kif twaqqaf id-dubbiena tal-frott ta' Queensland milli tinxtred għall-postijiet ġodda hu li ma tivvjaġġax bi frott jew ħaxix tal-borma ospitant, speċjalment dawk imkabbra d-dar.

Għandu mnejn teħel multi jekk tinqabad tivvjaġġa bi prodott ospitanti f'ċerti żoni - għal dettalji żur [www.interstatequarantine.org.au](www.interstatequarantine.org.au).

Għal aktar tagħrif żur www.agriculture.vic.gov.au/qff jew ċċempel liċ-Ċentru tas-Servizz tal-Klijent fuq 136 186.

Awtorizzat u ppubblikat mid-Dipartiment tal-Impjiegi, Preċinti u Reġjuni ta' Victoria, 1 Spring Street, Melbourne, Marzu 2020

© Id-Dipartiment tal-Impjiegi, Preċinti u Reġjuni 2020 tal-Istat ta' Victoria